# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA S. PAWL APPOSTLU - MALTA Nru.148 Aww / Sett. 2009


**TE DEUM**



**LAUDAMUS**

**Dan l-affresk juri lill-Papa Innocenz III japprova bil-fomm il-*Forma Vitae* ta' S. Franġisk. Huwa ġie magħmul minn Giotto di Bondone (1267?-1337) u jinsab fil-*Basilica Superiore* ta' S. Fran;isk ;ewwa Assisi. Dan ix-xogħol għamlu bejn 1296 -1300, fuq talba tal-Ministru General Fra Giovanni Minio da Murrovalle ( Min. Gen. 1295-1304 ).**

' Meta ra li, bil-mod il-mod, il-għadd ta' l-aħwa kien qed jiżdied, il-qaddej ta' Kristu, bi kliem sempliċi, kiteb għalih u għal ħutu forma ta' ħajja. Ried li tkun mibnija tajjeb fuq pedament sod: il-ħarsien ta' l-Evanġelju mqaddes. …….. Xtaq b' qalbu kollha li dak li jikteb hu jkun approvat mill-Papa ( Innoċenz III ), u għalhekk iddeċieda li, flimkien ma' l-aħwa sempliċi li ngħaqdu miegħu, imur għand is-Sede Apostolika, u jħalli lil Alla jmexxi hu. ……….. (Il-Papa) tah kull ma talbu, u wiegħdu li fil-ġejjieni jagħtih aktar ukoll. Approvalu r-Regola, u tah il-mandat li jipprietka l-penitenza. Lill-aħwa lajċi kollha li jakkumpanjawh ried li tingħatalhom ukoll tonsura żgħira biex huma wkoll ikunu jistgħu jippriedkaw bil-liberta' kollha *l-kelma ta' Alla* ( cfr. Lq. 11,28 )'.

*Legenda maior Sancti Francisci* ta' San Bonaventura {FSF1156-1159}

## STOP PRESS →→→ p.7

**Fix-xahar t' Ottubru se jkollna fostna lill-Min. Gen. P. J. Rodriguez Carballo O.F.M.**

# L—EKU TAS-SENA PAWLINA









Għall-grazzja t' Alla, is-Sena Pawlina ntemmet b' wiċċ il-ġid. Matulha żgur li l-figura ta' S. Pawl saret aktar magħrufa. L-Amministrazzjoni tal-Bażilika ħasbet biex tgħamel restawr enormi fil-Bażilika u waqqfet *website* b' tagħrif aggornat b' sitt ilsna, mhux biss fuq iċ-ċelebrazzjonijiet li saru, imma wkoll tagħrif dwar San Pawl. Kienu mijiet ta' pellegrini li żaru din il-Bażilika biex jitolbu wkoll fuq il-qabar ta' S. Pawl. F' kull djoċesi saru bosta attivitajiet, fosthom ċelebrazzjonijiet litur-ġiċi u bosta laqgħat interessanti dwar il-persuna u l-kitba pawlina. Nistgħu ngħidu li nkitbu mijiet ta' kotba fid-dinja kollha dwaru. Fost dawn insibu l-ktieb, li, l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa f' pajjiżna jppublika: ' *San Pawl — Il-Ħajja, il-Ħidma u l-Messaġġ tiegħu* '. Barra minn dan, P. Marcello Ghirlando O.F.M. kiteb il-ktieb ' *L-Appostlu tal-ġnus* ', ittraduċa l-ktieb '*Ġesu u Pawlu - ħajjiet jixxiebhu'* u f'*Audio CDs* ta' l-Ittri kollha ta' S. Pawl, li qed joħorġu, ta tagħrif interessanti.

Is-*Societa' San Paolo* ħasbet biex tippublika r-rivista ' *Paulus - the internat-ional magazine on Saint Paul'* b' tagħrif fil-fond dwar l-Appostlu tal-Ġnus. Saru bosta esibizzjonijiet, fosthom dik, li l-Kummissarjat ta' l - Art Imqaddsa ġewwa pajjiżna ġab Malta — *On the way to Damascus*, li kien fiha 46 *panel* fuq ħajtu. Ħafna pajjiżi ħarġu bolli kommemorativi, fosthom Malta.




Jalla dak l-ispirtu qawwi, li deher fid-dinja kollha dwar S. Pawl, ires-saqna aktar mil-qrib lejn l-uniku Feddej tagħna Ġesu Kristu.





# IS-SENA TAS-SACERDOTI



Nhar is-16 ta' Marzu l-Papa Benedittu XVI, waqt il-laqgħa li kellu ma' dawk li ħadu sehem fl-Assemblea Plenarja tal-Kongregazzjoni tal-Kleru, immexxija mill-Kardinal Claudio Hummes O.F.M., ħabbar li, bejn id-19 ta' Ġunju 2009 u d-19 ta' Ġunju 2010, se tkun is- ***'Sena tas-Saċerdoti '***. Dan għaliex fl-4 t' Awwissu ta' din is-sena, jaħbat l-150 sena mill-mewt ta' S. Ġwann M. Vianney - magħruf ukoll bħala l-Kurat ta' Ars. Dan il-qaddis kien membru fl-Ordni Franġiskan Sekular ( l' ex Terzjarji Franġiskani ). Ħawn se nġiebu ftit ħjiel fuq ħajtu.

8 ta' Mejju 1786 : Twieled f' Dardilly, ħdejn Lyons, Franza, minn familja, li kienu bdiewa. Ta' 13 il-sena għamel l-Ewwel Tqarbina bil-moħbi, minħabba li kien hemm ir-Rivoluzzjoni Franċiża. L-ewwel qrara għamilha, tlett snin qabel, fil-kċina ta' daru.

1806 : Beda jattendi l-iskola ta' l-Abbe' Balley, għax ried isir qassis.

13 t' Awwissu 1815: Minkejja li kellu jbati ħafna minħabba fl-istudji, ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Simon ta' Grenoble, fil-kappella tas-Seminarju ta' Grenoble. Kellu 29 sena.

13 ta' Frar 1818: Intbagħat mill-Isqof, li qallu: "Mur Ars. Hemmhekk ma tantx hemm min jħobb lil Alla. Int trid tgħamel dan mill-ġdid". Ars kienet parroċċa ta' xi 370 persuna u kien hemm antipatija kbira lejn il-fidi. Beda jgħaddi siegħat twal fit-talb, ta' ruħu għall-predikazzjoni, għall-qrar u għall-penitenzi ħorox.

1824: Fetaħ id-*Dar tal-Provvidenza,* bi skop li jkollu skola b' xejn għall-bniet. Wara saret orfanatrofju. Wara waqqaf skola għas-subien.

1830: Mijiet ta' pellegrini u penitenti bdew jersqu lejh. In-numru beda kull ma jmur jiżdied.

1858: Madwar 100.000 pellegrin ġew f' dik is-sena. Il-Kurat kien jqatta' 17 il-siegħa fil-konfessonarju.

4 t' Awwissu 1859: Fis-2.00 am huwa miet f' sensih u fil-paċi. Kellu 73 sena.

8 ta' Jannar 1905: Il-Papa S. Piju X iddikjarah Beatu u ' Padrun tas-saċerdoti franċiżi '.

31 ta' Mejju 1925 : Il-Papa Piju XI iddikjarah Qaddis u l-istess Papa, bl-Ittra Apostolika '*Anno Iubilari'* tat-13 t' April 1929, iddikjarah ' Padrun tal-kappillani kollha tad-dinja '.

1 t' Awwissu 1959 : Il-Papa B. Gwanni XXIII iddedikalu l-Enċiklika ' *Sacerdotii nostrii primordia '*.

6 t' Ottubru 1986 : Il-Papa Ġwanni Pawlu II mar pellegrinaġġ f' Ars.

16 ta' Ġunju 2009: Il-Papa Benedittu XVI kiteb ittra fl-okkażjoni tal-150 sena minn mewtu u biex jagħti bidu għas-Sena tas-Saċerdoti.

# Il-Pellegrinagg Pastorali tal-Papa Benedittu XVI
# fl-Art Imqaddsa ( 8-15 ta' Mejju 2009 )





Se nġiebu s-siltiet, li fihom il-Papa Benedittu XVI tul dan il-pellegrinaġġ li huwa għamel fl-Art Imqaddsa, sema' l-ħidma għaqlija li qed jgħamlu l-Franġiskani f' dik l-art. Kull min segwa' dan il-vjaġġ, ħafna drabi, ra xi patrijiet Franġiskani madwar il-Papa.

**9 ta' Mejju 2009 - Ħdejn il-Bażilika l-antika tal-Memorjal ta' Mose – Mt. Nebo**

Wara d-dikors ta' merħba, li l-Min. Gen. għamillu, il-Papa rrisponda hekk : "………………Nirringrazzja lill-Ministru General ta' l-Ordni tal-Franġiskani Minuri, P. Jose Rodriguez Carballo, għal kelmtejn sbieħ ta' merħba, li għadu kif għamel. Nieħu din l-okkażjoni biex inġedded il-gratitudni tiegħi u tal-Knisja kollha lill-Patrijiet Minuri ta' din il-Kustodja għall-preżenza tagħhom f' dawn l-artijiet, għall-fedelta' ferrieħa tagħhom fil-kariżma ta' San Franġisk, kif ukoll għall-ħerqa tagħhom b' risq il-ġid spiritwali u materjali tal-kommunitajiet insara u ta' numru, bla għadd ta' pellegrini, li ta' kull sena, iżuru l-Art Imqaddsa. Hawnhekk inrid ukoll, b' gratitudni partikulari, infakkar lill-mibki P. Michele Piccirillo O.F.M., li ddedika ħajtu kollha għall-istudju ta' l-antikita' nisranija u li jinsab midfun hawnhekk f' dan is-santwarju, li hu tant kien iħobb. ……………….. Waqt li dalwaqt se nitolbu t-talba li għallimna Ġesu', ejjew nitolbuh biex iħaffef il-miġja tas-saltna tiegħu, biex b' hekk naraw t-twettiq tal-pjan tiegħu ta' salvazzjoni u nġarbu, flimkien ma' San Franġisk u l-pellegrini li ġew qabilna, mħeġġin bil-qawwa tal-fidi, ir-rigal tal-paċi tant mixtieqa - *Pax* et *Bonum* - li qed tistennina f' Gerusalemm tas-sema".

**12 ta' Mejju 2009 - Laqgħa ma' l-Isqfijiet fiċ-Ċenaklu**

Wara d-diskors ta' merħba, li l-Kustodju għamillu, il-Papa rrisponda hekk: "Nirringrazzja lil P. Pizzaballa għall-kelmtejn ta' merħba mimlija ħeġġa li għamilli f' isimkom. ……. Esperjenzji memorabbli ta' tant pellegrini ta' l-Art Imqaddsa saru possibbli mħabba wkoll l-ospitalita' u l-gwida fraterna li offrejtu intkom, speċjalment mill-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja. Għal dan is-servizz li intom toffru, nixtieq nassigurakhom l-apprezzament u l-gratitudni tal-Knisja Universali u nesprimi x-xewqa li fil-futur, numru akbar ta' pellegrini għad jiġu jżurukhom".

********************************

**13 ta' Mejju 2009 - Żjara lill-Kamp tar-Refuġjati ta' Aida f' Betlem**

Wara li ppranza ma' l-Isqfijiet u l-komunita' franġiskana fil-*Casa Nova* ta' Betlem, huwa qal hekk: "…… F' dan il-kamp il-presenza tas-Sorijiet Missjunarji Franġiskani tal-Qalb Immakulata ta' Marija, jiġibilna quddiem għajnejna l-figura kariżmatika ta' S. Franġisk, appostlu kbir tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni…… Għal dan il-fatt nixtieq nesprimi l-apprezzament tiegħi partikulari għall-konribut enormi, li bosta membri tal-familja franġiskana qed jgħatu fl-għajnuna kbira lil dawn in-nies. Huma stess saru 'strumenti tal-paċi', skond l-espressjoni, li jingħad li kienet tal-Qaddis t' Assisi".

**14 ta' Mejju 2009 —Fil-Bażilika Superjuri tal-Lunzjata - Nazareth**

F' nofsinhar il-Papa kiel mal-komunita' Franġiskana ta' Nazareth, iltaqa' mal-Prim Ministru Iżraeljan u fil-Bażilika qal : "…...Għal darb'oħra nixtieq infaħħar l-attenzjoni, li l-patrijiet tal-Kustodja, tul dawn is-snin kollha, jagħtu lil dawn il-postijiet qaddisa, bħalma huwa dan il-post….

**15 ta' Mejju 2009 - Fis-Santu Sepulkru – Ġerusalemm**

Wara d-diskors tal-Kustodju, l-Papa qal:" …..Nirringrazzja lil P. Pizzaballa tal-kelmtejn tant sbieħ ta' merħba, li għadu kif għamel………"

**20 ta' Mejju 2009 - Udjenza Ġenerali – Belt tal-Vatikan**

Il-Papa qal: "……...Mill-ġdid nixtieq nirringrazzja lill-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja. …... ….Fiċ-Ċenaklu …….intqajt, fost l-oħrajn, mal-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa…. (F' Betlem fl-*Caritas Baby Hospital* stedint lil kulħadd biex jaħ-dem għall-paċi b' mezzi non-vjolenti, fuq l-eżempju ta' S. Franġisk t' Assisi ……"





++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++



***BIEX TIFTAKAR :*** ↓

**5 Awwissu fis-7.00 pm laqgħa fraterna ma' S. Klara**
**( Għasar u Adorazzjoni Ewkaristika…………. )**
**11 Awwissu fis-6.30 pm Quddiesa Konċelebrata**
**fil-Monasteru tal-Klarissi, S. Giljan**

# NOĦLOM

Nota ta' l-Editur : Din hija t-traduzzjoni tal-konkluzzjoni tar-rapport— *In authenticty , and with a view to the future. Missionaries in the world, as brothers and lesser ones, with a heart turned to the Lord*— li għamel il-Ministru General P. Jose Rodriguez Carballo O.F.M. lill-Kapitlu Generali 2009.

## Wasal il-ħin biex noħolmu

L-agħar ħaġa li bniedem jista' jiġrilu, huwa li ma jkomplix joħlom iżjed. Dan jfisser li huwa tilef il-ħila li jibni futur. Jfisser li mhux se jgħex aktar il-preżent b' ħeġġa akbar. Jfisser li l-mewt tkun riesqa lejh b' passi ta' ġgant. Għal din ir-raġuni rrid noħlom u naħseb, li l-aħwa kollha jrridu joħolmu, għaliex irridu jgħexu u jibnu futur. Għalhekk qed nistedinkhom biex toħolmu miegħi. Meta wieħed joħlom waħdu, il-ħolma tista' tibqa' *utopia*, imma meta tnejn minn nies joħolmu flimkien, il-ħolma għandha aktar possibbilita' li ssir realta'. U jekk minflok ikunu tnejn biss li jkollhom l-istess ħolma, se jiġri jekk ikunu kważi 16,000 persuna li joħolmu flimkien ? Mela qed nistedinkhom, intom, aħwa tiegħi, biex ilkoll naqsmu flimkien xi ħolm, li għall-grazzja t' Alla, mhumiex tiegħi biss.

Noħlom b' ħajja franġiskana aktar kontemplativa, li fiha aħna, bħala aħwa, nimxu b' aktar ħeġġa kbira, miftuħin għan-nifs ta' l-Ispirtu. Din hija l-ħajja, li l-għeruq tagħha huwa f' laq - għa mimlija tfittxija u ħeġġa akbar ma' Ġesu' Kristu, li ssejħilna biex nimxu warajh b' qalbna kollha, *full-time* u b'riskju għalina. Noħlom b' ħajja franġiskana li jsir l-għajta profetika t'Alla l-Kbir, f' dinja li fiha qed jiżdiedu l-allat u l-fidi qegħda tonqos jew tiġi mgħ awwġa.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li tgħex il-ħin kollu taħt il-ħarsien ta' l-Ispirtu u hija fidila għall-ispirazzjonijiet tiegħU. Tkun ħajja franġiskana meta tkun kapaċi tfittex toroq ġodda ta' l-Evanġelju, billi tinfetaħ għall-forom ġodda ta' preżenza, skond kif jissuġġerixxi Huwa. Noħlom b' ħajja franġiskana fejn fiha l-passivita', il-biża, is-sigurta', u l-konformita', bħala maskri li ġejjin mill-loġika u l-prudenza, jagħtu l-post lill-qlubija u lill-kreativita' Evanġelika, sinjali tal-preżenza ta' l-Ispirtu ġewwa fina.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li timxi fuq l-għamla ta' ħajja, kif għexha Franġisku, kapaċi li taħtaf il-deumanizazzjoni ta' żmienha, biex bil-kuraġġ kollu tressaq lilha nnifsha lejn l-imwarrab, lejn il-postijiet inumani, fejn ħadd ma jrid imur, biex jgħannaq il-lebbruzi ta' llum u jurihom li Alla jħobbhom ukoll.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li hija profetika, li l-pedament tagħha hija l-identifikazzjoni profonda ta' Kristu, li mbgħad isir imħabba qawwija u esperjenza ħajja u b'sens ta' urġenza biex inxandru l-ħniena t'Alla, il-fraternita', ir-rikonċiljazzjoni, il-paċi u s-solidarjeta'. Noħlom b' ħajja franġiskana, li ssir xhud ta' l-imħabba tenera t' Alla u l-qawwa ta' l-Ispirtu.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li bħas-Samaritan it-tajjeb, qed tgħex f'dinja, li fiha n-nies jinsabu mwarrbin fil-ġenb, midruba, nofshom mejtin, vjolentati u li m'għandhomx sigurta'. Noħlom b' ħajja franġiskana. li titbaxxa quddiem il-missjoni, li qegħda hemm u inkulturata, il-frott ta' kontemplazzjoni profonda, li titlob dejjem ġenerożita' u mħabba kbira lejn il-popli, għaliex b' hekk tista' titwieled kultura ta' ħajja u ċivilizazzjoni ta' mħabba.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li hija l-profezija tal-fraternita' għal kulħadd, f''nofs dinja mqallba b' mibgħeda u vjolenza ta' kull xorta. Hija għandha toffri opportunitajiet għall-laqgħat,
għall-akkolenzja, għall-għoti u ċelebrazzjoni ta' festa, b'qsim seren u ferrieħi. Din hija l-ħajja franġiskana, li għandha tifkira li ma tħallihix bi kwieta għax-xewqa vitali, li tinsab ġewwa l-qalb ta' kull bniedem, ħalli tħeġġek biex tgħex ma' l-oħrajn u mhux imwarrab fil-ġenb mill-oħrajn.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li fiha l-faqar ma jġibx aktar argumenti, imma li tkun ir-realta' tal-qalb li tagħti l-ferħ. Li fiha l-ubbidjenza ma tiġix mħejjxa bħala taqbida u rassenjazzjoni, imma bħala tfittxija mħeġġa għad-djalogu u dixxerniment tar-rieda t'Alla. Li fiha l-kastita' u ċ-ċelibat jiġu mħejjxa b'qalb miftuħa għal kulħadd, mimlija b'ġenerożita' u ferħ.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li tkun tant imdawwla, biex b' hekk tkun tista' tara 'l bogħod u b' hekk tara dak li ħaddieħor mhux qed jara. Għandha tkun mimlija b' immaġinazzjoni u kuraġġ ha tkun tista' taħdem biex tfittex forom oħra ta' ħajja. Noħlom b' ħajja franġiskana li, fuq l-istil ta' ħajjiet Franġisku, tħobb lill-Knisja b' fedelta' kreativa u tkun essenzjalment mibnija fuq il-misteru ta' l-Għid, jiġifieri, sinjal, simbolu, parabbola u profezija tas-Saltna.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li taf tnezza lilha nnifsha minn dak kollu li jista' jtellifha milli tkompli timxi fid-direzzjoni, li wrieha Franġisku 800 sena ilu. Noħlom b' ħajja franġiskana li tkun kapaċi toħloq damiġġani ġodda għall-inbid ġdid. Li tagħti twe-ġibiet għall-isfidi l-ġodda. Li tgħażel strutturi ġodda biex ikunu kapaċi jgħatu l-ħajja u l-ħajja bl-abbundanza.

Noħlom b' ħajja franġiskana, li timxi 'l quddiem, bi ftit tgħabbija, lejn il-futur, billi tħares lejn il-Mulej ta' l-istorja u bin-nar imħeġġeġ li qed jaqbad ġewwa fina. Filwaqt li nafu li, llum Huwa jista' jgħamel ħwejjeġ kbar permezz ta' qalb umli, kif Huwa għamel 800 sena ilu ma' Franġisku u Klara t' Assisi.

Il-profeta xandar li se jasal iż-żmien meta ż-żgħażagħ jgħamlu l-profezji u x-xjuħ joħolmu l-ħolm ( ara Ġoel 2,28). Waslu dawk iż-żmienijiet ? (ara Ġw.4,36)

## **STOP PRESS **

**Fuq stedina tal-Provinċjal, se jkollna fostna lill-Ministru General P. Jose Rodriguez Carballo O.F.M., bejn it-28 u t-30 t' Ottubru 2009. Aktar dettalji jingħataw 'il quddiem**

## Esperjenza ġdida

**minn P. Eddie Pace O.F.M.**

Bħala Promotur Nazzjonali għall-Vokazzjonijiet Franġiskani kelli l-opportunita' li nżid esperjenza ġdida fil-ħajja tiegħi bħala saċerdot, meta flimkien mat-*team*, li magħhom qed naħdem, jiġifieri ma' P. Mark Ciantar O.F.M. u P. Ray Scicluna O.F.M., ġew organizzati tul dawn l-aħħar xhur, *live-ins* għall-kandidati, li huma l-futuri postulanti tal-Provinċja tagħna.

Dawn il-*live-ins* kienu mqassmin f' dawn il-kunventi : - Rabat, Belt Valletta fil-Kummissarjart tat-*Terra Santa*, Tas-Sliema, Ħamrun u ieħor f' Wied il-Għajn ġewwa d-Dar Frate Jacoba. Għalhekk permezz ta' din ir-rivista - *L-Aħbar* — nix-tieq ngħid grazzi mill-qalb lill-Gwardjani ta' l-akkoljenza li offrew u lill-patrijiet fejn saru dawn il-*live-ins*, inkluż lil dawk il-patrijiet li taw l-esperjenza tagħhom lil dawn il-kandidati. Jekk qed ngħid grazzi, ma nistax nonqos li ngħid grazzi wkoll u prosit tassew lil ħutna P. Mark u P. Ray, li tul dawn il-*live-ins* offrew kors bażiku ta' spirit-walita' franġiskana. Żgur li dan il-kors kien ta' għajnuna kbira fil-mixja ta' dawn il-kandidati, kif huma stess stqarrew.

Mill-*feedback* li rċevejt mill-istess kandidati wara kull *live-in*, nista' ngħid b' sodis-fazzjon kbir, li kienu verament kummenti pożittivi, hekk li espimew l-ferħ, li ħassew għal mod kif ġew milqugħa u stmati ħafna u ħassewhom parti minn kull fraternita' fejn kienu. Dan jgħodd ukoll għall-ġid li ħadu mill-kors bażiku ta' l-ispiritwalita' franġiskana. Nitolbu għal dawn il-kandidati biex ikomplu din il-mixja tagħhom, li se twassalhom li jkunu postulanti f' Settembru li ġej.

*************************************************************************

## *Bearers of the Gift of the Gospel*

Dan huwa l-isem tad-dokument finali, li ħareġ f' għeluq il-Kapitlu Ġenerali 2009. Mill-ġdid jerġa' jitkellem fuq is-suġġetti prinċipali li ġew diskussi f' dan il-kapitlu.

Fl-ewwel parti, li hija msejħa 'Ir-rigal ta' l-Evanġelju', jitkellem fuq kif S. Franġisk skopra u rċieva r-rigal ta' l-Evanġelju, li sar il-pedament tal-ħajja tal-fraternita'. L-ewwel bdew jgħixuh, mbgħad bdew ixandruh ma' kullimkien.

Fit-tieni parti, li hija msejjħa 'Ir-risposta tagħna għar-rigal ta' l-Evanġelju', jitkellem dwar il-modi differenti ta' kif aħna qed inxandruh. Aħna rridu 'ngħixu fuq il-fruntieri' billi fid-dinja tal-lum noħolqu djalogu bejn il-bnedmin kollha. Dan irridu ngħamluh flimkien mal-lajċl, għaliex l-evanġelizazzjoni mhijiex biss għas-saċerdoti. L-Ordni tagħna, li huwa mgħamul minn saċerdoti u lajċi, jista' jgħen aktar lill-Knisja biex tgħamel dan. It-talb, il-minorita', il-fraternita' u l-formazzjoni għandhom isservu ta'

# IL - PORZIUNCOLA



Nhar is-27 ta’ Settembru 2008, wara Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-Kardinal W. J. Levada, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Fidi u ex-Arċisqof ta’ San Francisco u l-Arċisqof attwali G. Niederauer, ġiet inawgurata l-kappella ta’ S. Marija ta’ l-Anġli, li nbniet f’ knisja maġenb is-Santwarju Nazzjonali ta’ S. Franġisk t’ Assisi ġewwa San Francisco North Beach, California fl-Amerika. Din il-kopja perfetta tal-kappella tal-Poziuncola, li tinsab fil-Bażilika ta’ S. Maria degli Angeli, ħdejn Assisi, hija parti mill-proġett li jissejjaħ ‘ *Renaissance Project* ’ u li qed jinħadem fil-kumpless kollu tas-santwarju.

Din hija l-ewwel kopja perfetta ta’ din il-kappella, peress li tixxbaha f’ kull detall u saħansitra wkoll il-ġebel għandhom l-istess kulur ta’ dawk oriġinali. Dan sar kollu bil-kollaborazzjoni tal-Provinċja tagħna Serafika t’ Assisi. Infatti ngħatat ġebla mill-istess Porziuncola, li kienet inqagħet waqt ir-restawr, li sar wara t-terremot ta’ l-1998. Ir-relikwa kienet ingħatat nhar l-24 t’ April minn żewġ patrijiet tal-fraternita’ tal-Porziuncola, li marru huma stess biex jagħtuha lill-awtoritajiet konċernati. Hekk twettqet il-kelma li kien ta, il-Provinċjal ta’ dak iż-żmien, P. Massimo Reschilglian O.F.M., fl-2006.

Il-pittura tal-kappella, li saret b’ mod perfett fuq l-oriġinal, grazzi għall-metodu tal-*pictografia*, hija xogħol il-ħaddiema tal-*Bottega Artigiana Tifernate*, li qegħda ġewwa Citta di Castello. Il-bibien, il-kanċell, il-globi u t-tabernaklu huma xogħol ieħor ta’ l-artiġjani umbri u li verament jidhru b’ mod identiku ma’ dawk oriġinali. Dan il-proġett, li qed jinħadem taħt il-ħarsien ta’ l-Arċidjoċesi ta’ San Francisco, huwa mmexxi mill-avukatessa Angela Alioto, O.F.S., li għandha devozzjoni speċjali lejn S. Franġisk. Hija tgħid : “Dan is-santwarju żgħir huwa miftuħ għall-bnedmin ta’ kull twemmin għaliex S.Franġisk huwa qaddis universali”.

Ara : *www.shrinerenewal.org* jew *www.angelaalioto.com/project.html.*

Fil-11 t’ April, għadda, il-Bażilika għalqet 100 sena minn mindu l-Papa S. Piju X għollieha għad-dinjita’ ta’ Bażilika Patrijarkali u Kappella Papali u sejjieħilha *caput et mater Ordinis Fratrum Minorum*. L-ispejjes ta’ l-altar u t-tron papali tħallsu mill-provinċja tas-Sassonja.





# “ I don’t know……...but I was called ”.



By Emily Mathieu - 8 May 2009

Frank Portelli's first attempt at radical transformation was shaving his head. "I shaved it off without telling anybody. Right to the skin; I had a nasty tan line that matched my hairline," said Portelli, describing how dissatisfaction with his life led to the snap decision to shear off his chest-length hair. That was during his last year of university. Now, at 33, Portelli is about to undergo a far more substantive transformation. He is becoming a priest.

Tomorrow, Portelli and six other men will be ordained at St. Michael's Cathedral. Portelli is a deacon, the order below a priest, and his proper title is Rev. Mr. Frank Portelli. After the ceremony he will be Rev. Father Frank Portelli. In his heart, Portelli says, he knew for years that becoming a priest was the right decision, but his mind took a bit of time to adapt. “This is not an uncommon story. Some guys love it from the moment they go in. Other guys really struggle," he said. "When you figure out where God wants you to be, where he is asking you to go, you don't necessarily like it."

The third of seven children, Portelli was raised Catholic and attended church in Toronto on a regular basis, but only to appease his family. "Otherwise my mother, who is a nice and quiet woman, would strangle me." In high school he drifted. An aptitude in math led him to mathematics and economics courses at the University of Toronto, but he was perpetually dissatisfied. That's what led to the hair incident.

Portelli graduated from U of T in 2000. He spent time drinking and hanging out at clubs, but the experience also left him cold. He found himself drawn to church outside of Mass, in part by a young woman involved in community work. She left, but he stayed on. Portelli confided to his priest that working within the church was where he was happiest, but he was confused about what to do next. "I blurted out, `I think I might want to be a priest.' Which was a shock to both him and me."

Portelli moved to Serra House, where men considering entering the seminary go to reflect, and was matched with a spiritual adviser, who was both a priest and a psychoanalyst. He dawdled for a few years. But following a gentle coaxing from his adviser, who "confronted me and basically said `Crap or get off the pot,'" he entered the seminary in August 2003. He gave up his full-time job as a Toronto bankruptcy analyst, taking summer jobs such as cutting meat at an Alberta grocery store to pay for extras like his cellphone and movie tickets.

When asked the inevitable question – how does a grown man commit to celibacy? – he compares it to marathon runners giving up certain vices before a race. "It makes them more focused, supposedly. I think perhaps that is the thing. It is to remain focused on one God and that relationship." Tomorrow he will be given his first assignment as a priest. He suspects he will be placed outside Toronto, in the 905 area code. The suburban cities have larger parishes and need assistant priests, a role he will fulfill for about five years.

"I don't know why, I don't know how, but I was called ... if some people discover God and how much God loves us through me, then I have done my job," Portelli says. He plans on taking his time. "I think I will grow into it and be okay with it. I am okay with having to grow into it.".

***Note of the Editor* : This article appeared on the webpage – the star com.—Toronto edition**
**Fr. Frank Portelli grew up in our ex-parish of St. Paul the Apostle, Dundas Street, Toronto, Canada**
**It was e-mailed to us by Fr. Paul Galea O.F.M. , who attended the said ordination. Thank you very much.**

# AHBARIJIET MILL-PROVINĊJA TAGĦNA

Fid-29 ta' Gunju, f' għeluq is-Sena Pawlina, P. Marcellino Micallef O.F.M. mexxa Quddiesa Konċelebrata fil-knisja tagħna ta' S. Marija ta' Gesu, ir-Rabat, bħala radd il-ħajr tal-25 anniversarju saċerdotali tiegħu. Huwa kien ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Kattidral ta' S. Gwann mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. G. Mercieca. Flimkien miegħu kienu ġew ordnati wkoll P. Anglu Falzon O.F.M., li huwa missjunarju ġewwa l-Honduras, P. Noel Muscat O.F.M., li qed jaħdem fil-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa u P. Sandro Overend O.F.M., il-Provinċjal attwali. ***MULTOS ANNOS***

F' dawn il-jiem kellna fostna lil P. Jimmy Zammit O.F.M., li bħalissa qed jaħdem fil-Parroċċa ta' l-*Immaculate Conception*, ġewwa Toronto, il-Kanada. Din il-parroċċa hija mmexxija mill-Provinċja Amerikana ta' l-*Immaculate Conception*.

Fil-5 ta' Lulju ntemmu l-festi f' ġieħ is-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu fil-parroċċa tagħna ta' Tas-Sliema. Għal din l-okkażjoni, il-*webpage* tal-parroċċa ngħata wiċċ ġdid. Dak in-nhar stess telaq pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa mmexxi mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. P. Cremona O.P. u Mons. G. Mercieca. Ħadu sehem ukoll il-Provinċjal, xi aħwa oħra, l-Istudenti u l-Postulanti tal-provinċja tagħna. Magħhom marru wkoll grupp ta' żgħażagħ u pellegrini oħra. Dan il-pellegrinaġġ ġie organizzat mill-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa ġewwa pajjiżna.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju P. Charles Diacono O.F.M. mar bħala *supply* biex jgħen fil-ħidma li, l-patrjiet tagħna qed jgħamlu f' Londra, b' risq il-morda Maltin u l-qraba tagħhom. Filwaqt li P. Charles Grech O.F.M. mar fis-Santwarju tal-Porziuncola, f' Assisi, biex jgħen fil-qrar u Fra Leo M. Ciantar O.F.M. mar fil-missjoni tat-Tanzanija.

Nhar it-18 ta' Lulju saret il-Professjoni Solenni ta' Sr. Chiara Laetitia Psaila fil-monasteru ta' S. Klara, ġewwa S. Giljan. Il-konċelebrazzjoni solenni tmexxiet mill-Arċisqof Mons. P. Cremona O.P. Xi aħwa jikkonċebraw. ***MULTOS ANNOS***.

***DATI IMPORTANTI BIEX TIFTAKAR U TIEĦU SEHEM…………***

**27 t' Awwissu - Fil-knisja tagħna ta' S. Franġisk, il-Ħamrun, Vestizzjoni ta' Aron Abdilla (Mellieha) u Emmanuel Said (Rabat), li wara se jmorru jgħamlu n-novizzjat tagħhom ġewwa s-Santwarju ta' S. Damjan, Assisi.**

**22 ta' Settembru – Fil-knisja tagħna ta' S. Marija ta' l-Angli, Quddiesa Konċelebrata inter-franġiskana ma' l-Arċisqof f' għeluq is-Sena Franġiskana**

**29 ta' Settembru - Fil-knisja tagħna tar-Rabat, dħul ta' postulanti ġodda.**

***Aktar dettalji jingħataw aktar 'il quddiem……………..***

## FESTI SETTEMBRU 2009 BIRTHDAYS

| FESTI | BIRTHDAYS |
|---|---|
| 08. P. Adrian J. Cachia | 09. P. Martin Coleiro |
| P. Victor Camilleri | 13. Fra Stephen Magro |
| 29. P. Gabriel Micallef | 16. P. Benjamin Galea |
| | 29. P. Guido Schembri |

## OTTUBRU 2009

| FESTI | BIRTHDAYS |
|---|---|
| 02. P. Angelo Falzon | 07. P. Gwann Azzopardi |
| 09. P. Dionysius Mintoff | 15. P. Angelo Falzon |
| 13. P. Edward Pace | 16. P. Alexander Borg |
| P. Edward Zammit | 18. P. Joe Caruana |
| 23. P. Gwann Micallef | 27. P. Anton Farrugia |
| 26. P. Alfred Sciberras | 28. P. Richard Stanley Grech |
| P. Alfred Tabone | |

*Xewqat qaddisa !!!!!!*

## FESTA SOLENNI TA' MISSIERNA S. FRANĠISK 4 - 10 - 2009

**Il-Patrijiet kollha tal-Provinċja huma mistiedna biex jieħdu sehem fil-Quddiesa Konċelebrata mmexxija minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, fil-5.30 pm ġewwa l-Knisja S. Marija ta' Ġesu' - Valletta**



### WERREJ

Awwissu / Settembru 2009


| | |
|---|---|
| Eku tas-Sena Pawlina | 2 |
| Is-Sena tas-Saċerdoti | 3 |
| Pellegrinaġġ Pastorali | 4 - 5 |
| Noħlom ……….. | 6 - 7 |
| Esperjenza ġdida | 8 |
| Il-Porziuncola fl-Amerika | 9 |
| " I don't know ……but I was called" | 10 |
| Aħbarijiet mill-Provinċja tagħna | 11 |


## L-AĦBAR


**L-Editur**
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.net


N.B. Għall-aħħar aggornamenti
hhttp:// ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.